MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2546/2003

**Alexander Attard**

**vs**

**Shaun Risiott**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Dicembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat jirrifondi lill-attur is-somma ta' erba' mija u erbgha u disghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm494.23) rapprezentanti bilanc minn somma akbar (lm600.00) li l-attur kien hallas lill-konvenut sabiex igiblu parts ta' jet ski mill-Amerika. Il-partijiet kienu iffirmaw ftehim datat 6 ta' Ottubru 2003 fejn il-konvenut kien inghata s-somma ta' Lm500.00 izda sussegwentement il-konvenut kien talab lill-attur is-somma addizzjonali ta' Lm100.00 liema ammont gie debitament iddepozitat mill-attur fil-kont indikat mill-konvenut. Il-konvenut allegatament mar l-Amerika sabiex inter alia jiiixtri l-parts tal-jet ski, wara

insistenza kbira tal-attur tah biss parts ammontanti ghas-somma ta' Lm105.76 u baqa' sal-llum ma rritornax il-bilanc tal-flus mooghtija lilu.
Bl-imghax ta' 8% miss-6 ta' Ottubru 2003 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Mandat ta' sekwwestru kawtelatorju bin-numru 2702/03.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa qal is-egwenti:-

Fis-6 t'Ottubru 2003 Alex Attard ghadda Lm500 fi flus kontanti akkont lil Shaun Risiott sabiex jixtrilu xi *spare parts* ghal *jet ski* u jgibhomlu lura mieghu mill-Amerika billi x-xoghol ta' Risiott huwa ta' *technician* ta' *jet skis* u *outboards*, kif ukoll jimporta u jbiegh *jet skis* u *spare parts.* Il-*parts* mehtiega minn Attard kienu jikkonsistu f'*oil seaw, pistons, piston ring sets, bearings, clips, piston pins, plate washers, plate, cylinder gaskets* godda u *crank shaft rebuilt.* Waqt li Risiott kien l-Amerika, Attard rega' bdielu u ried *crank shaft* gdid minflok wiehed *rebuilt* u ghalhekk ftiehem ma' Risiott sabiex ihallas *deposit* ta' Lm100 ohra li sar il-Bank BoV Msida fil-prezenza ta' Therese Zammit. Risiott xtara l-i*spare parts* kollha u gabhom lura mieghu mill-Amerika hlief il-*crank shaft,* billi dan kien *out of stock* u kellu jordnah bhala *back order,* u fuqu hallas depositu. Risiott ghadda il-*parts* l-ohra lil Attard hlief il-*crank shaft* li kien ghadu ma wasalx. Risiott informa lil Attard illi kellu jistenna xi zmien ta' minn l-anqas xahar u cioe` sal-ahhar ta' Novembru sakemm il-*crank* il-gdid ikun disponibbli u jkunu jistghu jibghatuh Malta mill-Amerika u Attard accetta li l-*crank shaft* jintbaghat ma' xi xoghol iehor. Izda Attard beda jcempel spiss ghall-*crank shaft* minghajr ma stenna sakemm dan kien lest biex jibghatuh minn barra. Risiott offrielu li jaghtih xi flus lura tal-*crank shaft* izda Attard qalli li u hu il-*crank shaft* ried u mhux flus lura. Kien hemm xi dewmien mill-Amerika u l-*crank shaft* ma wasalx sakemm Attard ipprezenta l-Avviz tat-Talba tieghu ghar-refuzjoni fis-26 ta' Dicembru 2003. Il-*crank* wasal Malta ghal habta ta' nhar il-20 ta' Jannar 2004 u informa lil Attard b'dan u Attard ghadu jrid il-*crank.* Ghalhekk ma hemm l-ebda lok ghal refuzjoni izda minflok huwa Attard li jrid ihallas lil Risiott l-ammont ta' Lm141 ghall-i*spare parts* gja kkonsenjati kif ukoll Lm519 ghal bilanc dovut ghal *crank*

*shaft* gdid, wara li jitnaqqas l-ammont ta' Lm600 gia mhallsa bhala depositu. Ghaldaqstant l-ammont mitlub lil Attard minn Risiott jammonta ghal Lm60, liema ammont jinkludi l-ispejjez kollha ghal *parts* minbarra il-qliegh tieghu.

Ra t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn huwa talab li l-attur jigi kkundanant ihallsu s-somma ta' sittin lira Maltin )Lm60.00) rapprezentanti il-bilanc tal-prezz tal-parts li huwa gab lill-attur mill-Amerika.

Ra r-Risposta tal-attur ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

Illi l-attur rikonvenzjat m'ghandu jaghti ebda somma lill-konvenut.
Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, assumendo illi l-konvenut rikonvenzjonanti ghandu fil-pussess tieghu il-parts li kellu jgib mieghu mal-wasla teighu mill-Amerika (ghalkemm qatt ma tah prova ta' dan) il-konvenut rikonvenzjonanti certament li ma jistghax jippretendi hlas ta' tali oggetti meta dawn allegaatament ghadhom fil-pussess tieghu.
Bl-ispejjes kontra l-konvenut rikonvenzjonanti.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Marinev Degiorgio,, ta' Therese Zammit u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokuemnti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi rrizulta li l-konvenut sar jaf li l-attur kellu bzonn xi parts ghal jet ski tieghu u ghalhekk f'Ottubru tas-sena 2003 huwa avvicianah, infurmah li kien sejjer l-Amerika u staqsieh jekk kienx iridu jgiblu l-parts li kellu bzonn mill-Amerika. L-attur accetta din il-proposta u fis-6 ta' Ottubru 2003 il-partjiet iltaqghu u ffirmaw skrittura (esebita a fol. 2 tal-process) fejn qablu li l-konvenut kellu jixtri l-parts indikati lilu mill-attur fil-lista esebita a fol.26 tal-

process u jikkonsejahomlu mal-wasla tieghu lura Malta. L-attur hallas lill-konvenut Lm500.00 bil-quddiem bhala l-prezz ta’ dawn il-parts u obbliga ruhu li jhallas lill-konvenut xi spejjes addizzjonali li huwa seta’ jinkorri una volta li dan tal-ahhar jipproduci l-ircevuuti relattivi. Minn din l-iskriittura jirrizulta wkoll li l-attur kien iikkonsenja lill-konvenut il-crank shaft antik tal-jet- ski tieghu u li tah struzzjonijiet sabiex jixtrilu crank shaft gdid. Fix-xhieda tieghu l-attur spjega li huwa ikkonsenja lill-konvenut il-crank shaft l-antik ghaliex kien jaf li certi drabi kien possibbli li tixtri re-built crank shaft bi prezz aktar vantaggjuz. Huwa spjega li kien ta struzzjonijiet lill-konvenut sabiex jixtrilu crank shaft gdid izda qallu wkoll li jekk isib crank shaft rebuilt bi prezz ahjar huwa kellu jixtrih. Kien ghal din ir-raguni li kkonsenjalu l-crank shaft l-antik. L-attur issotni li l-Lm500.00 li huwa hallas lill-konvenut kienu jkopru l-prezzz tal-parts kollha li huwa inkariga lill-konvenut biex jixtrilu, inkluz il-prezz ta’ crank shaft gdid. L-attur xehed ukoll li meta l-konvenut kien diga’ telaq l-Amerika huwa sar jaf bil-possibilita’ li jinxtara ‘shortblock’ li kien jikkomprendi l-parts kollha li ried hu izda bi prezz ahjar milli kieku wiehed kellu jixtri l-parts kollha individwalment. Huwa cempel lil Therese Zammit, it-tfajla tal-konvenut, u talabha tghaddilu n-numru tat-telefon fejn huwa seta’ jikkomunika mal-konvenut izda hija nfurmatu li ma setghatx taghtih dan in-numru u qaltlu li kienet ser tghaddi l-messagg lill-konvenut. Xi ftit tal-jiem wara din Zammit kienet cemplet lill-attur u qaltlu li l-konvenut kien talbu jiddepozita Lm100.00 ohra fil-credit card account tal-konvenut. L-attur kien ghalhekk mar il-bank akkompanjat minn din Zammit u kien effetwa d-depozitu addizzjonali mitlub minnu. Meta l-konvenut irritorna lura Malta l-attur prova jikkomunika mieghu u wara diversi tentattivi dan ikkonsenjalu biss uhud mill--parts li kien obbliga ruhu li jgiblu millAmerika. Dan kien ghal habta ta’ nofs Novembru 2003. Il-konvenut kien informa lill-attur li l-parts rimanenti kellhom jaslu Malta fi zmien gimghatejn izda dawn il-parts baqghu ma waslux. Wara li l-attur intavola l-kawza odjerna, u cioe’ F’Jannar 2004, il-konvenut kien cempel lill-attur sabiex jinfurmah li l-parts kienu waslu u l-partjiet kienu ffissaw appuntament sabiex jigu konsenjati l-imsemmija parts izda l-konvenut ma marx ghal dan l-appuntament u l-parts jirrizulta li

baqghu ma gewx konsenjati lill-attur sal-gurnata tal-llum. Permezz ta’ din il-kawza l-attur qed jitlob ir-rifuzjoni tal-bilanc ta’ flus minnu mhallas lill-konvenut ghall dwn il-parts li qatt ma gew ikkonsenjati.

Il-konvenut min-naha l-ohra qed issotni li l-attur kien inkarigah jixtrilu crank shaft antik u kien biss wara li telaq minn Malta li t-tfajla tieghu kienet infurmatu li l-attur kien biddel fehemtu u xtaq crank shaft gdid. Huwa jsostni wkoll li l-ftehim bejn il-partijiet kien fis-sens li l-attur kelllu jhallsu commission ta’ 25% fuq il-prezz tal-parts u li l-attur kellu jhalas ukoll ghall-ispejjes ghat-trasportar ta’ dawn il-parts. In kwantu jirrigwarda l-fatt li l-attur biddel fehemtu dwar il-crannk shaft wara li l-konvenut kien diga’ telaq minn Malta, it-Triibunal jidhirlu li l-verzjoni moghtija mill-attur fir-rigward hija ferm aktar verosimili anki ghaliex korroborata mid-dokument esebit a fol. 28 tal-process li hija kopja tal-email mibghuta mill-attur lill-konvenut waqt li dan tal-ahhar kien diga’ l-Ameriika. Rigward il-qliegh doovut lill-konvenut, l-attur ma jichadx li huwa kien dipost li jhallas ‘commission’ izda kien esiga li dan tal-ahhar jipproduci d-debiti ricevuti.

Fi kwalunkwe kaz mill-provi prodotti, u anki mix-xhieda tal-istess konvenut, jirrizulta kjarament li dan tal-ahhar naqas manifestament minn dak li kien obbliga ruhu li jaghmel permezz tal-iskrittura esebita a fol. numru 2 tal-pprocess u cioe’ huwa naqas milli jikkonsenja l-parts mitluba mill-attur mal-wasla tieghu f’Malta, liema parts huwa baqa’ ma kkonsenjax sal-gurnata tal-llum. Min-naha l-ohra jirrizulta li l-attur aderixxa ma dak kollu mitlub minnu mill-konvenut fis-sens li hallas il-prezz tal-parts bil-quddiem u effetwa l-pagament addizzjonali tal-ammont mitlub minnu mill-konvenut meta dan tal-ahhar kien diga’ telaq ghall-Amerika. Kien biss wara li l-attur intavola l-kawza odjerna li l-konvenut infurmah li l-parts in kwistjoni kienu waslu Malta izda nonostante cio’ dawn il-parrts xorta ma gewx konsenjati. Irid jigi rilevat li l-konvenut naqas milli jressaq provi intizi biex jindikaw li l-parts in kwitjoni kienu effettivament waslu Malta, bhal per ezempju il-bill of lading relattiv eccetera. Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur huwa intitolat li jitllob lura r-

rifuzjoni tal-bilanc tal-prezz tal-parts minnu mhallas lill-konvenut u dan peress li dan tal-ahhar naqas milli jadempioxxi mal-obbligi minnu assunti fil-konfronti tal-attur.

In kwantu jirrigwarda l-kontro-talba tal-konvenut din ser tigi michuda u dan stante li kif diga' ntqal aktar il-fuq il-konvenut baqa' ma kkonsenjax il-parts li kien obbliga ruhu li jgib lill-attur mill-Amerika u ghalhekk isegwi li huwa m'huwiex intitolat jitllob il-bilanc tal-prezz ta' Lm60.00 li allegatament ghadu dovut mill-attur.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet u t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u erbgha u disghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm494.23), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju bin-numru 2702/03, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------